MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Numru. 13/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**PAUL AXIAK**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL AXIAK** ta' tnejn u ghoxrin sena, bin Joe u Mary nee Tabone, imwieled l-Awstralja, nhar id-disgha ta' Ottubru, 1980 u joqghod "St. John House", Triq il-Hamrija, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 435294 M gie imressaq quddiemha akkuzat talli;

1. Nhar il-Gimgha, hmistax ta' Marzu, 2003 jew f'xi jiem qabel ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta` billi

sgassa l-bieb ta' boat shelter sitwat fil-bajja ta' Mgarr ix-Xini, Xewkija, Ghawdex;
2. Ikkaguna hsara volontarja ta' mija u sebgha u tletin lira Maltin (LM 137) ghad-detriment ta' Luiga Attard minn Nadur, posessura ta' l-imsemmija proprjeta`, kif rikonoxxuta mill-Lands Department;
3. Aktar talli bil-hsieb li jezercita xi dritt li huwa pretenda li ghandu billi sgassa fit-tmintax ta' Awissu, 2003 l-istess bieb u biddel is-serratura tal-istess boat shelter.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat ghoxrin ta' Mejju, 2003 esebit fl-atti bhala dokument CSH a fol 2 tal-atti processwali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja kif jirrisulta minn esami li sarlu skond l-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar id-dsatax ta' Gunju, 2003 a fol 5 tal-atti processwali.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, l-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u lill-provi tad-difiza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

**Nhar id-dsatax ta' Gunju, 2003 xehed John Attard** li qal li fil-hmistax ta' Marzu, 2003 sema il-bieb ihabbat, hareg u sab bniedem li ma kienx jafu, li gablu sett cweivet u qallu li kienu ta' Mgarr ix-Xini. Dan Attard irrisponda li ma kellux bzonnhom u dan il-bniedem insista mieghu li kellu bzonnhom. Dan il-bniedem kompla jghidlu li issa kulhadd kellu cwievet, hu, huh u ohtu. Staqsieh kienx sgassa il-bieb u wiegbu li hsara m'ghamilx. Huwa nizel fuq il-post u innota li kienu gew sgassati zewg serraturi bi tlett cappetti tal-bieb kif murija fir-ritratti minnu esebiti. Spjega li l-bieb gie maqtugh u saritlu serratura gdida. Il-xoghol ma rahx isir izda l-persuna li kellem qaltlu li kienet ghamlet ix-xoghol hi. Mistoqsi minn kienet il-persuna li kellmitu, x-xhud wiegeb li ma jafx pero jaf li kien ma persuna ohra li ukoll ma jafhiex.

Huwa esebixxa hames ricevuti mmarkati bhala dokument A sa E dwar l-oggetti li xtara biex irranga l-bieb u ikkonferma illi l-pussess ta' dan il-fond kien f'idejn martu Luiga Attard.

**Luiga Attard mart John xehdet nhar id-dsatax ta' Gunju, 2003** u qalet li hija ghandha il-pusess tal-fond in kwistjoni, liema pusess gie moghti lilha allegatament b' "encroachment" mill-Lands Department u dan fis-sebgha u ghoxrin ta' Awissu, 2000 u cwievet kellha hi biss. Ikkonfermat dak li qal zewgha li gurnata minnhom mar bniedem ghandha li ma tafx min hu u ried itiha sett cwievet tal-post Mgarr ix-Xini. Waqt li zewgha kien fid-driveway rat lill-imputat jitfa c-cwievet ghall-gallerija tat-tielet sular taghha. Qalet li kellha xi tghid mieghu u l-imputat beda jghidilha li issa kemm hi kif ukoll huha u ommu li tigi ohtha kellhom kopja tac-cavetta tal-post u setaghu igawduh ilkoll. Spjegat kuntrarjament ghal dak li qal zewgha li jumejn wara marret l-ghassa u l-Pulizija akkumpanjha fuq il-post. Qalet li sabet is-serratura tal-bieb isserrati u l-bieb spiccut. Din ix-xhieda wkoll kuntrarja ghal dak li qal zewgha spjegat li kienet hi li fethet il-bieb tad-dar meta l-persuna giet offritielha sett cwievet u li zewgha gharfu bhala l-imptuat meta tefa c-cwievet lejn it-tielet sular tal-post taghhom. Qalet ukoll li zewgha dakinhar ma marx jara l-post ghaliex ma kienx jiflah.

**Tarcisio Attard xehed nhar il-hdax ta' Settembru, 2003** u ikkonferma r-ricevuta esebita fl-atti u mmarkata bhala dokument A datata disgha u ghoxrin ta' Awissu, 2002 harigha hu xi jiem wara li effettivament giet mehuda ic-cappetta hemm indikata.

**Carmel Camilleri xehed nhar il-hdax ta' Settembru, 2003** u ikkonferma li r-ricevuti dokumenti D u E esebiti fl-atti mahruga minn Camilleri Furniture kienu gew iffirmati minnu u huma datati nhar it-tnax ta' Lulju, 2002 u disgha u ghoxrin ta' April, 2002. Huwa spjiega li fl-ewwel okkazjoni li mar fuq il-post mertu tal-kawza u cioe` fid-disgha u ghoxrin ta' April, 2002 huwa biddel is-serratura u fil-fatt il-kont tela biss tlieta u ghoxrin lira Maltin (LM 23). Wara s-

sur Attard mar u talbu biex ibiddillu xi cappetti u jaghmillu xi zingu u ghalhekk ghamlu fit-tnax ta' Lulju, 2002 u hallsu sittin lira Maltin (LM 60). Spjega illi fl-ewwel okkazjoni huma ma qalulux biex ibiddel ic-cappetti izda biex ibiddel is-serratura. Mistoqsi jekk il-bieb kienx jissakkar, jinghalaq u jinfetah wara l-ewwel visita tieghu, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv.

**Peter Borg xehed fil-hdax ta' Settembru, 2003** f'isem is-socjeta` Borg Aluminium Limited u spjega li nhar l-ewwel ta' Mejju, 2003 huwa hareg ricevuta ta' serratura li swiet hdax il-lira u hamsin centezmu (LM 11.50) inkluz il-VAT ghal John Borg.

**Emanuel Attard xehed fit-tnejn u ghoxrin ta' Jannar, 2004** u spjega li huwa haddied u hareg ir-ricevuta esebita f'dawn l-atti a fol 10 mmarkata bhala dokument B nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Marzu, 2002. Huwa spjega li kien wahhal cappetta fuq serratura gia` esistenti u thallas sbatax il-lira u hamsa u ghoxrin centezmu (LM17.25) ghal dan ix-xoghol.

**L-imputat Paul Axiak xehed nhar il-hdax ta' Marzu, 2004** u spjega illi John Attard huwa zijuh tar-rispett mizzewweg l-oht ommu u l-art ta' Mgarr ix-Xini hija tal-mara ta' John Attard, ommu u ziju iehor tieghu John. Mistoqsi min kellu cavetta ta' dan il-post ix-xhud wiegeb li kellhom ommu u nannuh. Izda dik ta' nannuh kienet haditha il-mara ta' John Attard. Huwa spjega li qabel il-hmistax ta' Marzu huwa kien mar ghand zijuh jitolbu kopja ghaliex ommu kienet tilfet il-kopja taghha. Hija ma rieditx ittih kopja ghaliex qalet li l-post kien taghhom u ghalhekk mar fuq il-post b'mastrudaxxa biddel is-serratura u wara mar jaghti kopja tac-cavetta liz-ziju minnufih. Mistoqsi x'ghamel biex biddel is-serratura, l-imputat wiegeb li ha mastrudaxxa mieghu u bhala bniedem tas-sengha hsara m'ghamilx ghaliex taqqab is-serratura li kien hemm, il-lock waqa, infetah il-bieb u biddel is-serratura. Cappetta ma miss l-ebda hin.

Zijtu ma rieditx ic-cavvetta u spicca billi tefaghielha fuq il-gallerija telgha fit-tielet sular. Huwa ghamel dan ix-xoghol bil-permess ta’ ommu.

**Mary Axiaq, omm l-imputat xehdet nhar l-ewwel ta’ April, 2004** u kkonfermat li hija kif ukoll huha kellhom pussess tal-boat shelter. Qalet li sahansitra anke kopja tac-cwievet tal-post kellha u li kienet tilfithom spjegat illi pusess tal-fond dejjem kellha sakemm tilfet ic-cwievet tieghu qabel dan l-incident. Ikkonfermat ukoll li kienet hi li baghtet lil binha l-imputat jisgassa il-bieb peress illi ohtha li fi-prezent tinsab bit-tiketta maghha ma tathiex kopja.

**Nhar l-ewwel ta’ April, 2004 xehed Joseph Camilleri** il-mastrudaxxa li ikkonferma x-xoghol li ghamel biex biddel is-serratura. Cahad li ghamel xi xoghol jew miss xi cappetta jew li ikkaguna xi hsarat. Ikkonferma ukoll li kien mar mal-imputat in-Nadur sabiex ighaddi sett wiehed tac-cwievet tas-serratura li kien wehhel lil xi familjari tal-imputat u li ma riedux izommuhom.

**Konsiderazzjonijiet legali:**
Il-Qorti hawnhekk tissoleva principju bazilari fil-procedura nostrana li hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha ‘l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u dan sabiex tikkonvinci l-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penali – Vol III Kap IV pg. 236 Edizione 1890**; “*il cosi detto della prova cioe` il carico di fornire spella a chi accusa*”.

L-imputat prezunt innocenti m’ghandu jipprova xejn izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista jaghmlu anke jekk jasal sal-grad tal-probabbli.

Il-Prosekuzzjoni allegat illi Luiga Attard kienet il-posessura tal-proprjeta` in disamina kif rikonoxxuta mill-Lands Department. Illi b’dispjacir kbir il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta’ din l-allegazzjoni, meta tali prova fid-dawl tax-xhieda mismugha kienet indispensabbli u bzjonnjuza sine qua non.

Dwar l-ewwel akkuza, u cioe` dik naxxenti mill-artikolu 340 (d), vjolazzjoni tal-proprjeta`, id-difiza sostniet li din l-akkuza hija preskritta. Il-Qorti tirrileva li l-perjodu preskrittiv ta' din l-akkuza huwa dak ta' tlett xhur kif indikat fl-artikolu 688 (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa l-allegata kontravenzjoni sehhet fil-hmistax ta' Marzu, 2002 u l-ewwel udjenza kienet fit-tmintax ta' Awissu, 2003 meta sar l-esami mill-gdid wara li l-Prosekuzzjoni kienet talbet xi korrezzjoni u ghalhekk m'hemmx dubju li l-imputat gie nnotifikat bl-akkuza dakinhar stess tat-tmintax ta' Awissu, 2003 u ghalhekk l-akkuza verament hija preskritta. Pero dan nonstante l-istess Prosekuzzjoni f'dik is-seduta irtirat din l-akkuza u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni millli tiehu konjizzjoni taghha.

Il-Qorti sejra issa tiddiskuti it-tielet akkuza qabel it-tieni u dan ghaliex fil-fatt tali akkuza hija dik principali dik ta' ragion fattasi kif kontemplata fl-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Biex ikun hemm ir-reati ta' ragion fattasi ai termini fuq citati ghandhom jikkonkorru s-segwenti elementi kollha u cioe`:

1. Att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qed igawdi, liema att ikun gie esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-hadd iehor;

2. It-twemmin li l-att qed isir b'esercizzju ta' dritt;

3. Il-kuxjenza fl-agent li hu qed jghamel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita` pubblika, jigifieri li wiehed fl-agir tieghu jemmen anzi jkun perswas li qed jaghmel att li ghandu jsir minn xi awtorita` pubblika u;

4. In-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi.

Biex l-imputat jinstab hati, l-Prosekuzzjoni trid tipprova li dak li hu ghamel, ghamlu biss biex jezercita jedd li

jippretendi li ghandu. Id-dicitura tal-artikolu 85 tal-Kap 9 hija wahda cara hafna u l-legistlatur ceratment ried illi jigi evitat kull tfixkil hu ta' liema natura hu, anke fis-semplici pusess. L-artikolu 85 tal-Kap 9 jittutela l-pusess u mhux il-proprjeta` - dak li hu mehtieg hu li l-posessuri jaghmlu, kull wiehed minnhom uzu ragionevoli mill-oggett b'mod li ma jkunx jista jinghad li wiehed qed jippriva lill-iehor mid-dgawdija ragjonevoli ta' dak l-oggett (vide **Pulizija vs Salvatore Farrugia deciz nhar l-erbatax ta' Dicembru, 1957, mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, Pulizija vs Carmel sive Charles Farrugia deciz nhar is-sbatax ta' Frar, 1995 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali u Pulizija vs Carmelo Ciantar deciz nhar id-dsatax ta' Gunju, 1996 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali**).

Issa f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ressqet lil John Attard jixhed fejn qal illi l-fond in kwistjoni jinsab mghoti lill-mara mill-Lands Department pero fl-beda hin ma ressaq xi prova dokumentarja dwar dan. L-imputat u ommu xhedu u qalu illi l-pusess tal-boat shelter kien f'idejhom ilkoll u cioe` f'idejn mart John Attard, omm l-imputat u huhom. Illi din il-prova ma gietx kontestata minn hadd.

Illi jirrizulta li l-imputat kien veritier f'dak li qal u gie korroborat kemm minn zijtu, mart John Attard, minn ommu u milll-mastrudaxxa f'dak li gara dwar meta huwa mar bex jaghti kopja tac-cwievet. John Attard xehed b'mod divers dwar il-fatti u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti ma tista ma temminx il-verzjoni tal-imputat li ommu kellha l-pusess tal-boat shelter u huwa mar biex ibiddel is-serratura fuq domanda jew ahjar istruzzjonijiet u bil-barka taghha.

Illi fl-ipotesi li l-fond kien fil-pusess tal-ahwa dak li ghamel l-imputat zgur m'ghamlux ghaliex ippretenda li ma kellux xi dritt. Huwa kien jaf x'kien qed jaghmel u ghalhekk bi dritt u cioe` bl-awtorizazzjoni ta' min kellu l-pusess tal-fond.

Illi m'hemmx dubju ghalhekk li l-Prosekuzzjoni ma rrnexxiliex tipprova din l-akkuza lanqas romotament.

Dwar it-tielet akkuza u cioe` dik ta' hsara volontarja, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 325 (b) tal-Kap 9 u dan ghaliex il-Prosekuzzjoni allegat illi l-imputat ikommetta hsara fil-fond ta' mija u sebgha u tletin lira Maltin (LM 137) ghad-detriment ta' Luiga Attard.

Issa mill-provi prodotti l-Qorti mhiex sodisfatta li l-imptuat ikkkommetta l-hsarat imsemmija minn John Attard u dan ghal diversi ragunijiet;

1. Ix-xhieda mghotija mill-imputat u l-mastrudaxxa li qal li biddel is-serratura b'mod galbat hafna u taw kopja tac-cavetta lil John Attard minnufih u li jichad b'mod kategoriku li missu s-serratura jew il-bieb tal-injam.
2. Il-fatti illi r-ricevuti esebiti minn John Attard igibu kollha dati differenti fuq medda ta' zmien, dokument B datat 21 ta' Marzu, 2002 dokument E datat disgha u ghoxrin ta' April, 2002, dokument C datat l-ewwel ta' Mejju, 2002, dokument D datat tnax ta' Lulju, 2002 u dokument A datat disgha u ghoxrin ta' Awissu, 2002 u b'hekk huwa improbabbli li kien l-imputat li ghamel din il-hsara, ghaliex kieku x-xoghol kien isir f'okkazzjoni wahda jew fi zmien jumejn l-aktar.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehema li l-hsarat ma jeccedux il-hamsin lira Maltin (LM 50) u ghahekk huwa applikabbli ghal kaz l-artikolu 325 (c).

Issa skond il-proviso tal-artikolu 325 (1) l-ebda procediment ai termini tal-aritkolu 325 (c) ma jista jittiehed jekk mhux bi kwerela tal-parti offiza.

Issa f'dan il-kaz il-parte civile irrinunzjat ghad-drittijiet taghha fil-konfront tal-imputat kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tal-hdax ta' Marzu, 2004 u ghalhekk dan il-Qorti mhiex ser tiehu konjizzjoni ta' tali akkuza u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi 340 (d), 85, 325 (1) (b) (c) tal-Kap 9 u tiddeciedi li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni akkuzi u tiddikjara li ma ssibx lill-**

**imputat PAUL AXIAK hati tat-tielet akkuza u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------